# Esperjenza immersiva tkompli ssebbaħ iż-żjara tal-viżitatur f'Underground Valletta

Heritage Malta

**Stqarrija | 17 ta' Novembru 2022**

Esperjenza awdjoviżiva immersiva se tkompli ssebbaħ iż-żjara tal-viżitatur f'Underground Valletta fil-jiem li ġejjin. Din l-esperjenza hija l-frott ta' proġett iffinanzjat mill-Fond għad-Diplomazija Kulturali fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ, u minn Heritage Malta.

Il-proġett jiffoka fuq tliet aspetti li spikkaw fil-ħajja tal-Maltin, u ta' popli oħra fil-pajjiżi alleati, matul it-Tieni Gwerra Dinjija, jiġifieri l-kenn, il-ġuħ u r-reżistenza. L-għan tal-proġett hu li jgħaqqad lin-nies minn pajjiżi differenti permezz ta' dawn l-esperjenzi komuni.

Rigward l-aspett tal-kenn, l-esperjenza immersiva turi kif matul il-gwerra, komunitajiet sħaħ kellhom jirrikorru għar-refuġju tax-xelters taħt l-art, fejn in-nies kienu jsajru, jieklu, jorqdu, jitolbu u saħansitra jwelldu t-trabi. Waħda mill-funzjonijiet li qdew l-ispazji taħt l-art tal-Belt Valletta kienet proprju dik ta' xelter fi żmien il-gwerra. Ir-residenti tal-inħawi tal-Port il-Kbir kienu mħeġġa jitilqu minn djarhom u jfittxu kenn għand qrabathom fi rħula rurali, iżda xorta waħda kien hemm bosta nies li baqgħu jgħixu fil-belt kapitali u li kienu jinżlu fl-ispazji li llum huma magħrufa bħala Underground Valletta malli jingħata s-sinjal ta' air raid.

L-esperjenza immersiva tmexxi lill-viżitatur ukoll tul it-tbatijiet tal-popolazzjoni Maltija minħabba n-nuqqas kbir ta' ikel fis-snin tal-gwerra. Biżżejjed jingħad li f'Ottubru tal-1942, f'Malta kien hawn xejn inqas minn 100,000 ruħ li kienu jiddependu mill-Victory Kitchen biex tipprovdilhom l-ikel ta' kuljum.

Dwar l-aspett tar-reżistenza, dawk li jżuru Underground Valletta se jaraw kif pajjiżi bħal Malta rreżistew lill-għadu fuq livell nazzjonali, aktar milli individwali. Ir-reżistenza tagħhom wasslet biex f'April tal-1942, ir-Re Ġorġ VI rregala l-George Cross lill-poplu Malti, b'turija ta' apprezzament għas-sagrifiċċji, il-lealtà u r-reżiljenza tagħhom.

Din l-esperjenza addizzjonali f'Underground Valletta hija xhieda ħajja tal-isforzi ta' Heritage Malta biex fis-siti u l-mużewijiet tagħha toffri esperjenza ffukata fuq dak li jixtieq il-viżitatur, b'karatteristiċi immersivi u interattivi li jagħtu l-ħajja lis-sit.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali Owen Bonnici, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ Ian Borg, flimkien mal-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta Katherine Ward, l-Ambaxxatur tar- Franċiża għar-Repubblika ta' Malta E.E. Agnès von der Mühll u ċ-Chairman ta' Heritage Malta, Mario Cutajar, żaru l-Underground Valletta.

L-esperjenza immersiva se tkun inkluża fil-biljett tad-dħul għal Underground Valletta sal-aħħar ta' Novembru. Matul dan il-perjodu, Underground Valletta se jiftaħ kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd. Il-biljetti jinxtraw mill-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija jew online minn hawnhekk: https://heritagemalta.mt/store/s78/

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta